Minuti tal-31 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 18 ta' Frar, 2015. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

Shirley-Anne Cecchini informat lill-Kunsill li ma kienetx tista' tattendi u ghalhekk kienet qeghda tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-30 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Ambaxxatur Vot16**

2.1 Gie spjegat li l-Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali l-Gharb is-Sur Pierre Camenzuli f'Gunju li gej ser ikun qed jaghlaq 18-il sena u ghalhekk irid jintghazel Ambaxxatur iehor. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jigi akkwistat kopja ta' l-ahhar Registru Elettorali sabiex jigu identifikati l-persuni elegibbli u dan jigi diskuss waqt il-laqgha li jmiss.

**3.0 Funerali**

3.1 Is-Sindku spjega li dan il-punt gie imnizzel fuq l-Agenda sabiex jigu identifikati x'tip ta' partecipazzjoni ghandu ikollu l-Kunsill meta ikun hemm funeral ta' persuna partikolari bhal ma huma Sindku, ex-Sindku, kunsilliera, ex-kunsilliera, qassis, etc. mir-rahal ta' l-Gharb. Huwa zied jghid li meta miet Dun Salv Camilleri li kien precedentament moghti Premju Gharb il-Kunsill kien pogga l-bandiera tal-Kunsill fuq it-tebut tieghu. Gie spjegat ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv ghamlet kuntatt mas-Sur Carmel Zammit sabiex jghaddi s-suggerimenti tieghu f'dan ir-rigward pero' peress li ma kienx jiflah ma irnexxielux jghaddihom fil-hin ghal-laqgha. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jahsbu ftit fuq dan is-suggett u jghaddu s-suggimerimenti taghhom.

**4.0 Agreement Child Care Centre**

4.1 Gie spjegat li l-kuntratt tac-Child Care Centre ser jaghlaq f'Awissu li gej. Il-Kunsill qabel li huwa m'ghandux ebda' ogezzjoni sabiex dan jigi imgedded u ghandhom isiru diskussjonijiet mas-Sinjura Victoria Sultana sabiex jiggeded dan il-kuntratt.

**5.0 Unaudited Financial Statements**

5.1 Gew spjegati l-Unaudited Financial Statements u l-Budget fejn gew approvati unanimament mill-Kunsill.

5.2 Il-Vici Sindku staqsiet jekk jistax isir upgrade tal-kotba tal-librerija peress li tal-iskola ifitxxu kotba b'mod partikolari ta' Trevor Zahra u ma jsibux. Gie spjegat li l-librara dejjem tara li jkun hemm kotba milli jintalbu pero' ser tigi avvicinata l-iskola sabiex

5.3 Gie spjegat li kopja tal-budget ser tinghata aktar 'il quddiem u tal-financial statements tigi mqassama lill-kunsilliera hekk kif nircievu l-audited version.

**6.0 Skeda ta' Pagamenti**

9.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

9.2 Il-Vici Sindku staqsiet kif il-pagamenti tal-latrina ta' Triq Trux ghadu jidher fuq Ruben Camilleri Cauchi. Gie spjegat li sa l-ahhar ta' din is-sena kien ghandu huwa rapprezentant cioe' firmatorju tal-kuntratt u ghalhekk il-pagamenti iridu jinhargu f'ismu ghan-nom tal-Kumitat tal-Festi Esterni.

**7.0 Materji ohra**

7.1 Il-Vici Sindku staqsiet ghaliex il-Mera li kien hemm fi Triq l-Gharb tnehhiet. Gie spjegat li din tnehhiet sabiex titwahhal tabella pero' ser terga' tehel.

7.2 Emanuel Muscat semma li fi Sqaq Nru. 1 fi Triq Frangisk Portelli inqala' xi cement. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ser jigi iccekjat dan u jigi deciz x'passi iridu jittiehdu.

7.3 Anthony Camilleri semma il-problema tac-cement li inqala fi Triq il-Knisja. Is-Sindku spjega li ser jitkellem mall-Perit sabiex jibghat reminder finali lill-kuntrattur, Gatt Tamac Ltd u jekk dan jibqa' ma jirangax din il-problema flimkien mat-tappikeri, x-xoghol isir mill-Kunsill b'kuntrattur iehor a spejjez ta' Gatt Tarmac Ltd.

7.4 Emanuel Muscat staqsa dwar meta ser isir il-ftuh tal-Berga. Gie spjegat li dan ser isir nhar il-Erbgha 25 ta' Frar, 2015 u ghalih ser ikun prezenti l-Onor. Chris Fearne. Fl-istess waqt ser isiru xi attivitajiet mill-iskola Primarja fosthom Healthy Breakfast, fitness sessions u monitoring ta' pressjoni ecc. Il-hin tal-ftuh ser jigi ikkomunikat lill-Kunsilliera hekk kif il-Kunsill jigi infurmat min-naha tas-Segretarjat.

7.5 Is-Sindku spjega li ricentament il-Kunsill ircieva proposta minghand is-Sur Charlie Axiaq u s-Sur Andrew Lupi li ghandhom hanut fil-kantuniera ta' Triq l-Gharb ma' Triq Frangisk Portelli fir-rigward ta' problema minhabba l-coaches tat-turisti li jifqu f'dan il-post sabiex ikunu jistghu izuru l-hanut taghhom.

Is-Sur Axiaq u s-Sur Lupi li kienu qed jistennew gew mistiedna sabiex jidhlu fil-kamra.
Is-Sindku talab lis-Sur Axiaq u lis-Sur Lupi sabiex jghaddu s-suggerimenti taghhom sabiex il-Kunsill ikun jista' jara tinstax tinstab soluzzjoni flimkien.

Is-Sur Charlie Axiaq spjega li fejn il-hanut taghhom fi Triq l-Gharb tinstab tabella ta' Bus Stop pero' ma tezistix Bus Stop Bay kull ma hemm huwa dotted line li qed jigi okkupat mill-karozzi privati. Ghal dan il-ghan il-coaches mhux qed ikollhom post fejn jiequ u ghalhekk huma qed jitolbu sabiex issir Bus Stop bay f'din iz-zona. Giet migbuda l-attenzjoni li fil-parking bay tal-Bus Stops ma jistghux jieqfu buses hlief tat-Transport Pubbliku.

Saret diskussjoni fejn gie propost fost ohrajn li ssir parking ghall-buses iktar l-isfel fit-triq bejn ir-residenza Sydney u Memories u ssir talba lit-Transport Malta sabiex isir zebra crossing.

Is-Sindku staqsa l-hinijiet li fihom ikunu miftuha u li jghaddu l-coaches. Is-Sur Axiaq qal li l-hinijiet huma bejn il-10am u 5pm.

Is-Sindku gibed l-attenzjoni li huwa importanti li ma tinholoqx inkonvenjenza lir-residenti ta' din iz-zona.

Is-Sindku qal li l-Kunsill mhuwiex awtorita' u ghalhekk il-proposti li huwa isuggerixxa li ikunu hemm almenu tnejn ghandhom jitressqu quddiem it-Transport Malta.

Is-Sindku zied jghid li fejn qeghdin jipparkjaw fil-prezent qed joholqu problema u inkonvejent ghat-traffiku b'mod partikolari ghar-raguni li jkunu hemm zewg buses fl-istess waqt. Huwa isugerixxa sabiex jaraw ftit il-hinijiet ma tal-buses biex tieqaf bus wahda u mhux tnejn f'hin wiehed. Jekk ikun hemm bus wahda hi u niezla lejn id-Dwejra tkun tista' tieqaf ma genb l-isqaq fil-genb. Is-Sur Lupi qal li fil-fatt gewwa l-hanut ma jidhlux aktar minn coach wahda u ghalhekk huma qablu ma' din il-proposta.

Il-Kunsill qabel li jghaddu l-proposti lit-Transport Malta, tigi mitluba site vite sabiex isiru diskussjonijiet. Is-sur Axiaq u s-Sur Lupi gew infurmati li d-decizjoni finali hija tat-Transport Malta.

Is-Sur Axiaq u s-Sur Lupi irringrazzjaw lill-Kunsill u hargu mill-kamra.

## 8.0 Korrispondenza

8.1 Giet trattata korrispondenza mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali fir-rigward ta' Memo 4/2015 regard twaqqif ta' Kumitat Amministrattiv. Is-Sindku spjega li bhala Kunsill qatt ma spicca fid-deficit u din is-sena ser jispicca fil-positiv kif mitlub mill-ligi. Il-Kunsill qabel li jekk ikun il-kaz jitwaqqaf dan il-kumitat.

8.2 Gie trattat ilment minghand residenti li ghandhom appartament fi Triq Birbuba peress li fil-partijiet komuni tal-blokka hemm hafna skart, ecc. Is-Sindku spjega li ttiehed l-parir ta' l-avukat fejn dan qal li mhuwiex fil-kompitu tal-Kunsill li jnehhi

dan peress li qieghed f'parti privata u ghalhekk m'ghandux jidhol il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li r-risposta ta' l-Avukat ghandha tigi mibghuta lir-residenti li ghamlu l-ilment sabiex jiehdu hsieb min-naha taghhom din l-inkonvejt.

8.3 Gew trattati erba' kwotazzjonijiet li gew mitluba ghal-*laptop* ghall-uzu mis-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill qabel fuq l-irhas offerta' li kienet dik ta' CT Computertech ghall-prezz ta' €399.

8.4 Minghand National Commission for Further and Higher Education fejn il-Kunsill kien qieghed jigi inkluz fid-database ta' l-SLC.

8.5 Minghand il-Kunsill Lokali Nadur b'informazzjoni dwar il-Muzew Marittimu Kelinu Grima.

8.6 Minghand il-Parrocca ta' San Lawrenz bi stedina u informazzjoni dwar il-progett tal-Knisja u postijiet ohra ta' San Lawrenz li hemm fil-lokalita'.

8.7 Minghand l-Ufficju tal-President fejn l-Ecc. Taghha l-President irringrazzjat lill-Kunsill ghall-offerta' u ghajnuna li saret waqt il-kampanja 'Istrina'.

8.8 Minghand l-ufficju Ewropew fir-rigward ta' informazzjoni dwar il-Membri Parlamentari Ewropej u kif wiehed jista' jikkuntatjahom.

8.9 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-
Notifikazzjoni dwar Permess Numru 6211/08 – *to erect old people's home* fi Triq ta' Sdieri.
Permess - DŃ983/14 – Sabiex jigi imwaqqaf monument fi Triq l-Gharb.

8.10 Minghand il-Bord. tal-Koperattivi fir-rigward ta' ktieb li jippromwovi l-Istorja tal-Koperattivi f'Malta.

8.11 Minghand il-Parlament ta' Malta fir-rigward tal-Harga perjodika li tohrog mill-ufficju ta' l-Ispeaker.

**9.0 Materji Ohra ikompli**

9.1 Gie spjegat li l-offerta ta' l-Open Skip ser taghlaq f'nofs Gunju. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg offerta gdida.

9.2 Progett M313 – Is-Sindku spjega li kien hemm problema fuq il-bazi fejn kellhom isiru diskussjonijiet anke' mall-Perit sabiex tittiehed decizjoni fejn fis-soluzzjoni kienet dik li jghola l-bazi. Ghal dan il-ghan ix-xoghol mar bl-lura u l-iskadenza li kellu l-kuntrattur sa l-ahhar ta' Frar zgur li ma setghetx tigi milhuqa. Fuq parir tal-Perit id-data ta' l-iskadenza ghandha tigi estiza sa nofs Marzu. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jigi estiz iz-zmien.

9.3 Gew diskussi l-bollards li hemm madwar il-*sundial* fil-Pjazza fejn il-Kunsill qabel li ghandhom isiru vleggeg fuq il-bollards.

9.4 Saret diskussjoni dwar il-camera fil-Pjazza fejn gie spjegat li minkejja li hemm sinjali u hemm roundabout fil-Pjazza xorta hemm xi vetturi li qed jghaddu kontra l-linja u ghalhekk gie suggerit li tehel camera li tiswa €1000 fejn tkun qed taghmel moniteragg taz-zona. Il-Kunsill qabel li din il-camera ghandha tehel.

**10.0 Laqgha Generali Annwali**

8.1 Kien hemm persuna wahda, s-Sur Bernard Storace li kien qed jistenna ghal-laqgha Generali Annwali. Is-Sur Storace talab li jidhol waqt il-laqgha tal-Kunsill li kien ghadha ghaddeja fejn informa lill-Kunsill li peress li ma kien hemm hadd ma kellux ghalfejn joqghod. Is-Sindku spjegalu li kienet ghada ghadejja l-laqgha tal-Kunsill u jekk jistax jistenna ftit minuti fejn is-Sur Storace spjega li huwa kull ma xtaq jghaddi xi kummenti.

Is-Sur Storace ilmenta dwar il-gbir ta' l-iskart domestiku fejn huwa tal-fehma li jekk il-borza l-griza tingabar darba fil-gimgha huwa bizzejjed u l-Gimgha terga' tibda tingabar il-borza s-sewda. Saret diskussjoni fejn gie spjegat li dan huwa mezz ta' kif nedukaw lir-residenti sabiex jaghmlu iktar recilagg anke ghar-raguji li bhala lokalita' mhux ikun hawn reciklagg bizzejjed. Gie spjegat ukoll li fil-futur qarib ser isir separazzjoni anke ta' l-ikel u fil-fatt ser jinbeda progett pilota.
Emanuel Muscat qal li fl-opinjoni tieghu skart ghar-reciklagg m'ghandux jitpogga fil-borza jekk ma jkunx nadif.

Bernard Storace irringrazzja lill-Kunsill u hareg mill-Kamra.

**11.0 Materji ohra – ikompli**

11.0 Anthony Camilleri isugerixxa sabiex fi Triq San Dimitri fl-area maghrufa bhala 'tac-Cawla' jitqatta' l-blat u isir roundabout li tigi two way. Din iz-zona tinsab int u diehel fejn il-kamra tan-Nar ta' Ninu. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi l-pjanta lill-Perit sabiex ikun jista' jara l-possibilita' li jsir dan u kif l-ahjar mod li jsir.

**12.0 Aggornament**

12.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 18 ta' Marzu, 2015 fit-5pm.

12.1 Il-laqgha spiccat hin 6.35pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv